MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 46/2010

**Anthony Camilleri [(I.D. Nru. 8047(G)] f'`ismu proprju u bhala mandatarju generali ta` ohtu assenti minn dawn il-gzejjer Carmen Xuereb [I.D. Nru. 26545(G)], John Camilleri [I.D. 48041(G)], Agnes Camilleri [I.D. 75345(G)] f`isimha proprju u f`isem binha assenti minn dawn il-gzejjer David Camilleri, Kevin Camilleri [I.D. Nru. 521294(M)] u Natalie [I.D. Nru. 291202(L)] mizzewga lil Manuel Hili, Michael Camilleri [I.D. 4652(G)].**

***kontra***

**Avukat Generali u Maria Camilleri, Lilian Gatt u Mary Louise Muscat.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta` Lulju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi permezz ta` citazzjoni fl-ismijiet 'Anthony Camilleri pro et noe v. Maria Camilleri et' prezentata fl-10 ta` Lulju 1997 quddiem dik li kienet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Superjuri) l-esponenti u l-awturi taghhom kienu ppremettew is-segwenti :*

*(i) Peress illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta` April 1997 mietet f`Victoria, Ghawdex, Ursula Camilleri armla ta` Paul Camilleri.*

*(ii) Peress illi d-decuius ghamlet diversi testmenti kemm konguntament ma` zewgha Paolo Camilleri kif ukoll wahedha wara l-mewt ta` zewgha li avverat ruhha fit-28 ta` Marzu 1982 u cioe` erba` testmenti 'unica carta', wiehed tas-7 ta` Gunju 1975 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin u tliet testmenti ohra 'unica carta' fl-atti tan-Nutar Emmanuele George Cefai tal-25 ta` Ottubru 1979, tat-12 ta` Settembru 1980 u tat-30 ta` Ottubru 1981 u tmien testmenti li t-testatrici ghamlet wara l-mewt ta` zewgha lkoll fl-atti tan-Nutar Michael Refalo rispettivament tas-26 ta` Lulju 1985, tal-31 ta` Lulju 1985, tat-12 ta` Novembru 1985, tat-12 ta` Dicembru 1991, tas-26 ta` Ottubru 1993, tat-2 ta` Settembru 1994, tad-19 ta` Dicembru 1994 u testment iehor li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-21 ta` Ottubru 1991 sussegwentement revokat bit-testment li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-26 ta` Ottubru 1993.*

*(iii) Peress illi bit-testmenti li d-'decuius' Ursula Camilleri ghamlet wahedha wara l-mewt ta` zewgha Paolo Camilleri hija ddisponiet mill-assi taghha kemm parafernali kif ukoll mill-assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejnha u l-mejjet zewgha favur il-konvenuti permezz ta` legati u bid-disposizzjonijiet testamentarji*

*taghha t-testatrici qabzet is-sehem li setghet tiddisponi minnu skond kif delimitat bil-ligi.*

*(iv) Peress illi t-testatrici Ursula Camilleri kienet indotta mill-konvenuti biex taghmel dawk id-disposizzjonijiet testamentarji favur taghhom minhabba ingann u pressjoni li giet ezercitata mill-istess konvenuti li kellhom kontroll assolut fuqha, kontra x-xewqa taghha jew b`nuqqas tal-liberta` tax-xewqa taghha kif stqarret kemm-il darba ma` uhud minn uliedha l-atturi, liema disposizzjonijiet testamentarji huma b`kuntrast qawwi mad-disposizzjonijiet testamentarji li l-istess testatrici kienet ghamlet fit-testmenti 'unica carta' li saru flimkien mal-mejjet zewgha Paolo Camilleri u wkoll ma` certu disposizzjonijiet li saru mill-istess testatrici fit-testmenti taghha li ghamlet wara l-mewt ta` zewgha Paolo Camilleri b`referenza partikolari ghat-tielet artikolu tat-testment taghha tas-26 ta` Lulju 1985 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li permezz tieghu halliet proprjeta` b`titolu ta` legat lill-attrici Carmen Xuereb liema artikolu kien gie sussegwentement revokat fl-interezza tieghu bl-ahhar testament taghha tad-19 ta` Dicembru 1994 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo u dan kif jista` jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*(v) Peress illi wkoll it-testatrici kien ikollha mumenti fejn ma kenitx tkun fil-pieni poteri mentali taghha u ma kienx ikollha kontroll shih u assolut tas-sensi taghha minhabba l-effett tal-pilloli narkotici u medicinali ohra li kienu jigu somministrati lilha minhabba l-mard kroniku li kienet tbati minnu u kienet f`pozizzjoni li tigi manipulata mill-konvenuti li kienu jkunu kontinwament fil-kumpanija taghha u ma kienu jhallu lil hadd minn uliedha l-ohra u cioe` mill-atturi jkellmu jew jersqu lejn ommhom.*

*(vi) Peress illi l-atturi htegilhom jitolbu u ottjenew il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-konvenuti fl-ismijiet 'Anthony Camilleri noe et v. Maria Camilleri et' (338/1997) sabiex 'pendente lite' l-beni legati lill-konvenuti ma jaqghux f`idejn jew taht il-kontroll ta` terzi u l-atturi qeghdin permezz tal-prezenti jipprocedu biex jiddeducu t-*

*talba taghha gudizzjarjament in segwitu ghall-hrug ta` dan il-mandat.*

*2. Illi permezz tal-istess citazzjoni surreferita u premess is-surreferiti fatti, l-esponenti u l-awturi taghhom kienu talbu li : (i) jigi ddikjarat li d-disposizzjonijiet testamentarji ta` Ursula Camilleri maghmula bit-testmenti taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-sitta u ghoxrin (26) ta` Lulju 1985, tal-31 ta` Lulju 1985, tat-12 ta` Novembru 1985, 12 ta` Dicembru 1991 u tas-26 ta` Ottubru 1993, tat-2 ta` Settembru 1994, tad-19 ta` Dicembru 1994 huma nulli u bla effett u ma jirrapprezentawx il-volonta` tat-testatrici l-ghaliex kienu frott ta` ingann u ta` pressjoni ezercitata mill-konvenuti li mpediet lit-testatrici mix-xewqa u mill-volonta` libera taghha aktar u aktar meta l-poteri mentali taghha kienu resi indeboliti mill-eta` avvanzata tat-testatrici u mill-pilloli narkotici u medicinali ohra li kienu jigu sommonistrati lilha minhabba l-mard kroniku li kienet tbati minnu; (ii) in mankanza tal-ewwel talba tiddikjara illi l-legati li gew imhollija mit-testatrici favur il-konvenuti bit-testmenti taghha li saru fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-26 ta` Lulju 1985, tal-31 ta` Lulju 1985, tat-12 ta` Novembru 1985, tat-12 ta` Dicembru 1991, tas-26 ta` Ottubru 1993, tat-2 ta` Settembru 1994 jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici; (ii) stabbilit is-sehem li t-testatrici setghet tiddisponi minnu; (iv) sussegwentement tordna li l-legati u laxxiti ohra li saru favur il-konvenuti permezz tal-imsemmija testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-26 ta` Lulju 1985, tal-31 ta` Lulju 1985, tat-12 ta` Novembru 1985, tat-12 ta` Dicembru 1991, tas-26 ta` Ottubru 1993, tat-2 ta` Settembru 1994 ghandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici kif jigi stabbilit u determinat minn din il-Qorti bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi tal-mandat tal-inibizzjoni numru 338/1997 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.*

*3. Illi permezz ta` sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni*

*Generali fit-23 ta` Mejju 2008 dik l-Onorabbli Qorti cahdet l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenuti rigwardanti karenza ta` interess guridiku da parti tal-esponenti fid-19 ta` Ottubru 2007 u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.*

*4. Illi permezz ta` sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta` Settembru 2009 din l-Onorabbli Qorti ddecidiet billi laqghet l-appell tal-konvenuti appellanti u ghalhekk hassret u rrevokat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fit-23 ta` Mejju 2008 billi cahdet it-talbiet attrici u laqghet it-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti appellanti "stante li l-atturi appellati filwaqt li matul il-mori tal-kawza rrinunzjaw ghall-eredita` tad-decuius, qatt ma fformalizzaw it-talba ghal-legittima, bl-ispejjez taz-zewg istenzi jithallsu mill-atturi appellati".*

*5. Illi dan effettivament ifisser illi kellhom jghaddu tnax-il sena sabiex il-kawza surreferita tigi deciza kontra l-esponenti u l-awturi taghhom fuq punt legali preliminari, ossija l-ezistenza o meno ta` interess guridiku da parti tal-esponenti ghall-promozzjoni tal-azzjoni civili taghhom bi pregudizzju serju ghalihom. Tnax-il sena sabiex jigi determina punt preliminari ta` portata legali bazika certament mhuwiex zmien ragonevoli a tenur tal-ligi.*

*6. Illi mill-fatti esposti fil-qosor, jirrizulta li ma kienx hemm process civili fi zmien ragjonevoli u kif ukoll lanqas smigh xieraq billi l-forma thalliet tipprevalixxi fuq is-sustanza tad-dritt u biex sar dan kien hemm bzonn ta` tnax-il sena bi pregudizzju serju ghad-drittijiet tar-rikorrenti u bi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha -*

*(i) Tiddikjara li ma kienx hemm process civili fi zmien ragjonevoli u dan bi ksur tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*(ii) Taghti rimedji effettivi u taghti kumpens xieraq ghall-vjolazzjoni lamentata.*

*Bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta` l-Avukat Generali prezentata fit-<u>13 ta` Awissu 2010</u> li taqra hekk –

***<u>Il-pretensjonijiet tar-rikorrent</u>***

*Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi t-tul tal-proceduri civili fil-kawza fl-ismijiet 'Anthony Camilleri f`ismu proprju u bhala mandatarju generali ta` huh imsiefer John Camilleri, Nazzareno Camilleri u b`digriet tat-12 ta` Mejju 1998 il-gudizzju gie trasfuz f`isem Agnes Camilleri u wliedha David, Kevin u Natalie mizzewga Hili, Michael Camilleri, Carmen mart Martin Xuereb u permezz ta` nota prezentata fid-29 ta` Mejju 2007 Richard Xuereb assuma l-atti f`isem ommu Carmen Xuereb li hi assenti vs Maria mart Peter Paul Camilleri u l-istess Peter Paul Camilleri ghal kwalunkwe interess li jista` jkollu, Lilian mart George Gatt, Mary Louise mart Raymond Muscat' (Citazzjoni numru 135/97) allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali ta` l-istess rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli protetti permezz ta` l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. L-istess rikorrenti qed jallegaw illi d-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell tat-23 ta` Settembru 2009 qed tivvjola d-dritt ghal smigh xieraq stante illi l-forma thalliet tipprevalixxi fuq is-sustanza tad-dritt.*

*Illi l-esponenti jissottometti illi l-istess pretensjonjiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti : -*

***L-eccezzjonijiet***

***1. Abbuz tal-process gudizzjarju***

*Illi in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini ta` l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni stante li mhux ghajr appell mid-decizjonijiet ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tat-23 ta` Settembru 2009 fl-ismijiet 'Anthony Camilleri f`ismu proprju u bhala mandatarju generali ta` huh imsiefer John Camilleri, Nazzareno Camilleri u b`digriet tat-12 ta` Mejju 1998 il-gudizzju gie trasfuz f`isem Agnes Camilleri u wliedha David, Kevin u Natalie mizzewga Hili, Michael Camilleri, Carmen mart Martin Xuereb u permezz ta` nota prezentata fid-29 ta` Mejju 2007 Richard Xuereb assuma l-atti f`isem ommu Carmen Xuereb li hi assenti vs Maria mart Peter Paul Camilleri u l-istess Peter Paul Camilleri ghal kwalunkwe interess li jista` jkollu, Lilian mart George Gatt, Mary Louise mart Raymond Muscat' (Citazzjoni numru 135/97). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m`hijiex Qorti ta` revizjoni u dan peress li m`hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.*

***2. Rimedji ordinarji***

*L-esponent jissottometti illi r-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom ir-rimedju ta` ritrattazzjoni sabiex ihares id-drittijiet pretizi*

*minnu. F`dan ir-rigward l-esponenti jirreferi ghall-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta, stante l-ezistenza ta` mezzi ordinarji ta` rimedju.*

***Dwar it-tul tal-proceduri***

*Illi l-esponenti jirrileva illi stante li l-mertu ta` dan ir-rikors jirrigwarda t-tul ta` procedura, jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni ta` l-atti processwali tal-kawzi fl-ismijiet 'Anthony Camilleri f`ismu proprju u bhala mandatarju generali ta` huh imsiefer John Camilleri, Nazzareno Camilleri u b`digriet tat-12 ta` Mejju 1998 il-gudizzju gie trasfuz f`isem Agnes Camilleri u wliedha David, Kevin u Natalie mizzewga Hili, Michael Camilleri, Carmen mart Martin Xuereb u permezz ta` nota prezentata fid-29 ta` Mejju 2007 Richard Xuereb assuma l-atti f`isem ommu Carmen Xuereb li hi assenti vs Maria mart Peter Paul Camilleri u l-istess Peter Paul Camilleri ghal kwalunkwe interess li jista` jkollu, Lilian mart George Gatt, Mary Louise mart Raymond Muscat' (Citazzjoni numru 135/97) deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Settembru 2009.*

*L-esponent jissottometti illi r-rikorrenti stess kienu jahtu ghat-tul illi hadet biex giet konkluza l-kawza u dan billi pproponew kawza minghajr ma kienu hallsu t-taxxa ta` successjoni relattiva qabel ma ntavolaw il-kawza taghhom, ikkonducew il-proceduri b`mod dizordinat u spontaneju u b`mod konfuzjonali u kontradittorju, biddlu diversi drabi l-pretensjonijiet taghhom, ikkontribwew ghad-dewmien meta wara li kienu trattaw u l-kawza thalliet ghall-provvediment talbu li jaghmlu sottomissjonijiet bil-*

*miktub, wara li ntavolaw l-appell taghhom relattiv ghall-provvediment tat-8 ta` Frar 2002 cedew l-appell taghhom, wara li nstemghu l-provi fuq l-ewwel talba cedew din it-talba kif ukoll kienu tardivi biex jottemperaw ruhhom mad-diversi digrieti moghtija mill-Qorti tant hu hekk li l-istess Qorti widdbet tali agir.*

*Illi l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti relattiva ghan-nuqqas ta` interess guridiku tqajmet biss wara li l-istess atturi (rikorrenti fil-proceduri odjerni) ivverbalizzaw li kienu rrinunzjaw ghall-eredita` tad-decujus u ghalhekk bhala eccezzjoni tenut kont tal-fatti godda li rrizultaw bl-agir volontarju ta` l-istess rikorrenti.*

*Illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdu illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema` minn Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b`ligi.*

*Illi skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta` smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

*Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.*

*Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tikkonsidra b`mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta` dan l-Artikolu.*

*Salv eccezzjonijiet ohra premessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta ta` l-intimati Maria Camilleri, Lilian Gatt u Mary Louise Muscat prezentata fis-6 ta` Settembru 2010 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, in-nuqqas ta` integrita` ta` gudizzju tal-proceduri prezenti stante illi l-Avukat Generali ma seta` qatt kien hati ta` lezjoni tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrenti u ghaldaqstant, m`huwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa m`huwiex il-persuna guridika responsabbli ghall-operat tal-gudikatura ta` pajjizna imma ghandu biss, ai termini tal-artiklu 181B(2) tal-Kap. 12, ir-rappresentanza guridika tal-Gvern u mhux tal-awtoritajiet gudizzjarji tal-Istat li huma ben distinti u indipendenti mill-Ezekuttiv.*

*2. Illi l-intimati l-ohra m`huma responsabbli ghal ebda lezjoni tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrenti. Pjuttost l-intimati stess kienu vittmi ta` tali lezjoni da parti tar-rikorrenti minhabba l-mod kif ir-rikorrenti kkonducew il-kawza li tat lok ghall-ilment taghhom. Kronologija ta` x`gara f`dina l-kawza turi ahjar kemm dan hu minnu :*

*i. L-atturi (rikorrenti odjerni) fethu l-kawza kontra l-esponenti u ohrajn fl-10 ta` Lulju 1997;*

*ii. Fis-6 ta` April 2000 xehed ir-reverendu Michael Xuereb prodott mill-atturi in sostenn ta` l-ewwel talba taghhom;*

*iii. Fit-28 ta` Settembru 2000, il-konvenuti (li kienu jinkludu l-esponenti) taw eccezzjoni ulterjuri dwar l-improsegwibilita` tal-kawza stante n-nuqqas tal-atturi illi jaghmlu d-dikjarazzjoni causa mortis tal-wirt tad-decuius;*

*iv. Fit-2 ta` Frar 2002, il-Qorti ta` Ghawdex laqghet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u ssospendiet il-kawza sakemm issir id-dikjarazzjoni causa mortis;*

*v. L-atturi appellaw minn dina d-decizjoni;*

*vi. L-atturi ghamlu d-dikjarazzjoni causa mortis fit-30 ta` Jannar 2003;*

*vii. L-atturi cedew l-appell u fis-27 ta` April 2004, sena u tliet xhur wara li ghamlu d-dikjarazzjoni causa mortis, talbu r-riappuntament tal-kawza li giet riappuntata fit-22 ta` Ottubru 2004;*

*viii. L-atturi damu bosta jiddeliberaw icedux l-ewwel talba taghhom ghall-annullament ta` bosta testmenti tad-de cuius u ma ressqux aktar provi wara x-xhieda tar-reverendu Xuereb fis-6 ta` April 2000 sakemm eventwalment, cedew l-ewwel talba taghhom fit-2 ta` Gunju 2006 (a fol. 162). Dan meta kienu ghadhom ma ghalqux l-istadju tal-provi taghhom fejn ripetutament kienu qed isostnu illi ser jipprezentaw affidavit li qatt ma gew ipprezentati;*

*ix. Fit-22 ta` Jannar 2007 l-atturi kollha, hlief ghal Carmen Xuereb, irrinunzjaw ghall-wirt tad-de cuius (a fol. 182 sa 191) mentri l-istess Carmen Xuereb irrinunzjat l-ghada. L-atturi hadu kwazi ghaxar snin sabiex jirrinunzjaw ghall-wirt f`kawza li ppretendew illi hi ghal-legittima dovuta lilhom mill-wirt ta` ommhom;*

*x. Fid-19 ta` Settembru 2007, il-konvenuti ntavolaw l-eccezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta` interess guridiku tal-atturi fil-prosegwiment tal-kawza stante illi ma ppromwovewx l-azione di restituzione fit-terminu koncess mil-ligi;*

*xi. Fit-23 ta` Mejju 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti;*

*xii. Il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell tal-konvenuti mis-sentenzja parzjali fit-23 ta` Settembru 2009.*

*3. Ghaldaqstant huwa evidenti illi l-asserzjoni tar-rikorrenti illi l-"kellhom jghaddu tnax-il sena sabiex il-kawza surreferita tigi deciza kontra l-esponenti u l-awturi taghhom fuq punt legali preliminari, ossia l-esistenza o meno ta` interess guridiku da parti tal-esponenti" hija ghal kollox infundata. Kienu r-rikorrenti illi kif succintament qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha "Fir-realta` l-indecizjoni lampanti u ta` bdil minn pozizzjoni ghal ohra da parti tal-atturi appellati jirrizultaw li kienu fatali ghan-naha attrici" u ghaldaqstant, taw lok illi l-konvenuti jaghtu eccezzjoni ulterjuri meta ghaddew l-ghaxar snin mill-mewt tad-de cuius sabiex jitolbu l-legittima.*

*4. Tali eccezzjoni ulterjuri giet maqtugha fiz-zewg stadji f`sentejn u ghaldaqstant, l-asserzjoni illi l-Qorti damet tnax-il sena biex tiddeciedi punt preliminari tirrasenti minn zlealta` lejn dina l-Onorabbli Qorti u ghandha tigi ccensurata.*

*5. Illi mis-suespost jidher evidenti kemm dan ir-rikors hu bla mertu u kienu l-esponenti kienu vittmi tad-dewmien gudizzjarju minhabba l-indecizjoni tar-rikorrenti illi issa qed jergghu jippruvaw xortihom billi ntroducew kawza gdida.*

*6. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti jitolbu bil-qima illi dina l-Onorabbli Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti.*

**Ikkunsidrat :**

## II. L-istanza

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija li bil-fatt illi kellhom ighaddu tnax-il sena sabiex il-kawza fl-ismijiet *Anthony Camilleri pro et noe vs Maria Camilleri et* istitwita minnhom fl-10 ta` Lulju 1997 tkun deciza sal-istadju tal-appell fuq punt legali preliminari u cioe` l-esistenza o meno ta` interess guridiku fir-rikorrenti sabiex jippromwovu dik l-azzjoni ma kienx zmien ragnevoli kif trid il-ligi, kien ta` pregudizzju serju ghalihom u lesiv ghad-dritt taghhom ta` smigh xieraq kif mhares mill-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni"). Ghalhekk wara li talbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni f`dak is-sens, ir-rikorrenti talbu wkoll rimedji effettivi u kumpens xieraq.

**Ikkunsidrat :**

## III. Provi

Il-provi fil-kawza tal-lum jingemghu fil-process tal-kawza fl-ismijiet *Anthony Camilleri et vs Maria Camilleri et* (Citaz. Nru. 135/1997) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta` Settembru 2009. Kienet esebita kopja ta` l-process ta` dik il-kawza.

Din il-Qorti sejra taghmel analizi ta` l-atti esebiti u taghmel riferenza ghal dawk minnhom li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-fini tal-istanza tar-rikorrenti :-

1) Fl-10 ta` Lulju 1997, ir-rikorrenti pprezentaw il-kawza Citaz Nru. 135/1997 kontra l-intimati Camilleri, Gatt u Muscat. Il-kawza giet assenjata lill-Magistrat (illum Imhallef) Michael Mallia.

2) Fis-17 ta` Lulju 1997, ic-citazzjoni harget ghan-notifika lill-konvenuti. L-ewwel dehra tal-kawza kienet appuntata ghall-udjenza tas-27 ta` Novembru 1997.

3) Il-konvenuti kollha pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet wahda fil-11 ta` Awissu 1997.

4) Mill-udjenza tas-27 ta` Novembru 1997, il-kawza baqghet ghall-udjenza tal-10 ta` Marzu 1998 ghall-provi tal-atturi. Fl-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti kienet eccepita n-nullita` tac-citazzjoni ghaliex l-atturi ma ddikjarawx fir-rigward ta` kull xhud x`fatti u xi prova kien behsiebhom jaghmlu bix-xhieda taghhom. Ghalhekk in vista ta` dik l-eccezzjoni, fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 1998, il-Qorti ordnat lill-atturi sabiex sal-udjenza ta` wara u cioe` dik tat-23 ta` Gunju 1998 l-atturi jipprezentaw nota fejn jindikaw l-oggett tal-prova li riedu jaghmlu b`kull xhud li huma ndikaw. U hekk sar. Tant li l-konvenuti rtiraw dik l-eccezzjoni preliminari. Il-kawza baqghet imbaghad ghad-19 ta` Novembru 1998 ghall-produzzjoni ta` dokumenti.

5) Fit-30 ta` April 1998, l-atturi pprezentaw rikors sabiex in vista tal-mewt tal-attur Nazzareno Camilleri fil-15 ta` April 1998, talbu li l-atti fil-kaz tieghu jigu trasfuzi f`isem l-armla tieghu u wliedu. B`digriet taghha tat-12 ta` Mejju 1998, il-Qorti laqghet it-talba.

6) Fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 1998, ma setghux jinstemghu provi ghaliex mar id-dawl fil-Qorti u ghalhekk il-kawza baqghet ghall-25 ta` Marzu 1999.

7) Fl-udjenza tal-25 ta` Marzu 1999, ma sarx smigh ta` provi u l-kalwza baqghet ghall-21 ta` Ottubru 1999.

8) L-udjenza tal-21 ta` Ottubru 1999 kienet differita ghat-30 ta` Novembru 1999 wara talba mill-atturi.

9) Fil-21 ta` Ottubru 1999, kienet prezentata x-xiehda tal-attur Anthony Camilleri bil-procedura tal-affidavit.

10) Fl-udjenza tat-30 ta` Novembru 1999, ma sarx smigh ta` provi wara senjalazzjoni mid-difensur tal-atturi u l-kawza baqghet ghas-6 ta` April 2000..

11) Fl-udjenza tas-6 ta` April 2000, sar smigh ta` provi u l-kawza baqghet ghat-12 ta` Ottubru 2000.

12) Fit-28 ta` Settembru 2000, il-konvenuti pprezentaw nota ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

13) Fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2000, l-atturi talbu l-isfilz ta` dik in-nota ta` eccezzjonijiet ulterjuri billi l-presentata taghha ma kenitx awtorizzata mill-Qorti skond il-ligi, liema talba kienet michuda mill-Qorti permezz ta` digriet taghha tat-30 ta` Ottubru 2000. Il-kawza baqghet ghall-15 ta` Frar 2001.

14) B`rikors taghhom tat-22 ta` Novembru 2000, l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tichad l-eccezzjoni tal-improsegwibilita` tal-azzjoni u sabiex tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina ghaliex fil-fehma taghhom ghalkemm il-kawza kienet ilha prezentata ghal aktar minn tliet snin, ma kien sar xejn ta` sustanza dwar il-mertu minhabba l-presentata mill-konvenuti ta` eccezzjonijiet preliminari frivoli u vessatorji. Dwar id-data tal-kawza, din baqghet dik tal-15 ta` Frar 2001. Dwar l-eccezzjoni, il-Qorti rriservat illi tipprovdi.

15) Fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2001, il-kawza bdiet tinstema` mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona izda ma sarx smigh ta` provi. Il-kawza baqghet ghall-21 ta` Gunju 2001.

16) Fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2001, kien trattat ir-rikors tal-atturi tat-22 ta` Novembru 2000 u l-kawza baqghet ghal provvediment dwar dak ir-rikors ghall-5 ta` Ottubru 2001.

17) Fit-12 ta` Lulju 2001, l-atturi pprezentaw rikors fejn talbu li jipprezentaw nota ta` osservazzjonijiet. It-talba kienet milqugha u d-data ghall-ghoti tal-provvediment kienet spostata ghas-26 ta` Ottubru 2001.

18) Il-provvediment ma nghatax fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2001 u f`dik ta` wara tat-18 ta` Jannar 2002 izda nghata fl-udjenza tat-8 ta` Frar 2002 fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni, halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli minn kull parti fil-kawza fuq rikors opportun jekk mar-rikors ikun hemm il-prova li saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta` Ursola Camilleri u l-prova li thallset it-taxxa sa mhux aktar tard mit-8 ta` Awissu 2002.

19) Fis-27 ta` Frar 2002, l-atturi appellaw minn dan il-provvediment.

20) Fid-9 ta` Frar 2004, l-atturi cedew l-appell sabiex jirregolaw ruhhom ahjar.

21) Fis-27 ta` April 2004, l-atturi talbu r-riappuntament tal-kawza.

22) Il-kawza kienet riappuntata ghat-22 ta` Ottubru 2004 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghat-12 ta` Jannar 2005 sabiex tigi pruvata, trattata u d-deciza l-ewwel talba.

23) Fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2005, l-atturi ma ressqux provi u l-kawza thalliet ghat-8 ta` April 2005.

24) L-istess gara fl-udjenza tat-8 ta` April 2005 meta l-kawza baqghet ghat-23 ta` Settembru 2005.

25) L-atturi ma opponewx it-talba tal-konvenuti ghal differiment tal-udjenza tat-23 ta` Settembru 2005 billi d-difensur taghhom kien se jkun imsiefer fuq xoghol. Il-kawza baqghet ghas-27 ta` Jannar 2006.

26) Fl-udjenza tas-27 ta` Jannar 2006, il-Qorti tat lill-atturi terminu perentorju sat-28 ta` Frar 2006 sabiex jipprezentaw l-affidavits taghhom u hatret lill-Assistent Gudizzjarju taghha sabiex quddiemu jkomplu jinstemghu l-provi. Il-kawza baqghet ghat-2 ta` Gunju 2006.

27) Fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2006, l-atturi rrinunzjaw ghall-ewwel talba. Il-Qorti hatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jaghmel stima tal-fondi mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-kawza baqghet ghas-27 ta` Ottubru 2006.

28) Saru udjenzi fis-27 ta` Ottubru 2007 u fit-13 ta` April 2007. F`din tal-ahhar, il-Qorti kienet presjeduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Anthony Ellul u dderigiet lill-partijiet dwar il-provi li kellhom jitressqu quddiem il-perit tekniku in partikolari dwar il-lista tal-immobbli li kellhom jigu stmati mill-perit tekniku.

29) Fis-16 ta` April 2007, il-Qorti tat digriet fejn irrilevat illi kien l-agir tal-partijiet stess illi kien qieghed jikkawza dewmien fil-proceduri billi kienu naqsu milli jghaddi taghrif lill-perit tekniku sabiex jaqdi l-inkariku tieghu. Ghalhekk il-Qorti specifikat dak li kellu jkun hemm fil-lista li kull parti kellha thejji, lista li kellha tkun konfermata bil-gurament.

30) Fil-25 ta` April 2007, il-konvenuti pprezentaw rikors fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu lill-Qorti sabiex tissospendi l-inkariku tal-perit tekniku u tillimita s-smigh tal-provi ghat-tieni eccezzjoni ulterjuri taghhom.

31) Fl-udjenza tat-18 ta` Mejju 2007, l-atturi talbu aktar zmien sabiex joqghodu ghad-digriet tas-16 ta` April 2007, talba li kienet milqugha mill-Qorti b`estensjoni fit-terminu ta` ghaxart ijiem. Talbu wkoll zmien ghaxart ijiem sabiex jigu assunti l-atti tal-attrici Carmen Xuereb li kienet assenti minn dawn il-Gzejjer kif ukoll sabiex jipprezentaw in-nota li biha l-istess attrici rrinunzjat ghall-wirt ta` Ursola Camilleri.

32) Fil-21 ta` Mejju 2007, il-Qorti tat digriet dwar ir-rikors tal-konvenuti tal-25 ta` April 2007 fejn cahdet it-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-inkariku tal-perit tekniku, estendiet ghall-ahhar darba t-terminu lill-konvenuti sabiex iressqu l-lista tal-propjeta` skond id-digriet tas-16 ta` April 2007 u ordnat lill-konvenuti sabiex iressqu l-provi bl-affidavit dwar it-tieni eccezzjoni ulterjuri taghhom sal-udjenza tal-15 ta` Gunju 2007.

33) Mill-atti esebiti ma jirrizultax il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Gunju 2007.

34) Fl-udjenza tas-27 ta` Lulju 2007, il-Qorti rregolat l-gheluq tal-provi tal-partijiet dwar it-tieni

eccezzjoni ulterjuri. U halliet il-kawza ghas-27 ta` Ottubru 2007.

35) Fid-29 ta` Lulju 2007, il-perit tekniku acceda fil-fondi indikati lilu.

36) Fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2007, il-konvenuti rrinunzjaw ghat-tieni eccezzjoni ulterjuri. Wara li kien registrat qbil bejn il-partijiet illi fl-2007 l-atturi kollha kienu rrinunzjaw ghall-eredita` ta` Ursola Camilleri, il-konvenuti talbu li jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri dwar karenza ta` interess guridiku tal-atturi. Din l-eccezzjoni kienet prezentata dakinhar stess u l-kawza thalliet ghas-16 ta` Novembru 2007.

37) Fit-13 ta` Novembru 2007, l-atturi pprezentaw nota ta` sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri li kienet prezentata fid-19 ta` Ottubru 2007.

38) Fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2007, wara li d-difensur tal-atturi ddikjara illi n-nota ta` rinunzja tal-wirt mill-atturi ma kellha l-ebda validita` u wara li ddikjara li huma kienu qeghdin jagixxu bhala l-eredi ta` Ursola Camilleri, il-Qorti halliet il-kawza ghall-11 ta` Jannar 2008 ghall-ezami tan-nota responsiva illi l-Qorti ordnat tat lill-konvenuti biex jipprezentaw.

39) In-nota responsiva tal-konvenuti kienet prezentata fl-14 ta` Dicembru 2007.

40) Fil-11 ta` Jannar 2008, il-Qorti tat digriet fejn idderigiet lill-perit tekniku sabix ma jkomplix bl-inkariku tieghu sakemm tkun deciza l-eccezzjoni ulterjuri tal-karenza ta` interess..

41) Fl-udjenza tal-11 ta` Jannar 2008, il-kawza thalliet ghall-15 ta` Frar 2008 sabiex id-difensuri tal-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-fomm dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

42) Fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2008 saru l-ahhar sottomissjonijiet u l-kawza baqghet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri ghall-21 ta` April 2008.

43) Is-sentenza ma nghatatx fil-21 ta` April 2008. Lanqas fl-udjenza ta` wara u cioe` tas-7 ta` Mejju 2008 izda nghatat fis-seduta ta` wara dik u cioe` fit-23 ta` Mejju 2008 fejn il-Qorti cahdet l-eccezzjoni ulterjuri u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

44) Fid-29 ta` Mejju 2008, il-konvenuti talbu permess lill-Qorti sabiex jappellaw mis-sentenza.

45) Fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2008 kien trattat ir-rikors li ghalih l-atturi wiegbu bil-miktub fl-10 ta` Gunju 2008.

46) Il-Qorti tat permess li jsir appell fit-13 ta` Gunju 2008. Fil-provvediment taghha il-Qorti qalet hekk –

*Hu minnu li din il-kawza ilha li bdiet mill-1997 u l-progress hu wiehed bil-mod hafna. Sfortunatament s`issa ntilef hafna zmien fuq punt preliminari u wara li l-atturi pprezentaw appell mis-sentenza parzjali li nghatat fit-8 ta` Ottubru 2002 ghazlu li jcedu l-appell u fit-2 ta` Gunju 2006 ipprezentaw nota li biha rtiraw l-ewwel talba. Madankollu fil-fehma tal-Qorti jkun opportun li l-appell li jridu jaghmlu l-konvenuti mis-sentenza parzjali tat-23 ta` Mejju 2008 isir f`dan l-istadju u b`hekk jigi determinat darba ghal dejjem l-eccezzjoni ulterjuri li giet sollevata mill-konvenuti. M`hemmx dubju li d-decizjoni ser tincidi fuq l-ezitu ta` dawn il-proceduri u ghalhekk meqjus ukoll l-ispejjez*

*konsiderevoli (mehud in konsiderazzjoni l-entita` tal-patrimonju li kellha d-decujus) li ghad iridu jsiru fir-rigward tal-inkarigu moghti lill-perit tekniku, ikun utli li jkun hemm gudikat fuq il-kwistjoni trattata u deciza permezz tas-sentenza* moghtija *fit-23 ta` Mejju 2008.*

47) Wara t-13 ta` Gunju 2008, il-kawza fl-ewwel istanza baqghet tigi differita sakemm kienet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta` Settembru 2009. Fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2009, il-kawza kienet kancellata wara li skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienu michuda t-talbiet attrici.

48) Fl-istadju tal-appell, il-kawza kienet appuntata ghas-smigh fl-1 ta` Gunju 2009. It-trattazzjoni saret f`dik l-istess udjenza u thalliet ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghat-18 ta` Settembru 2009. Il-kawza kienet deciza fit-23 ta` Settembru 2009.

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Rimedji Ordinarji</u>

L-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali nkluza l-ewwel wahda (deskritta bhala "preliminari") huma fil-mertu, hlief it-tieni eccezzjoni fejn l-Avukat Generali qieghed isostni li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha skond l-Art.4(2) tal-Kap.319 billi qieghed ighid li r-rikorrenti kellhom mezzi ordinarji ta` rimedju senjatament ir-ritrattazzjoni li huwa regolat bl-Art.811 et seq tal-Kap.12.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi ghalkemm l-Avukat Generali ressaq din l-eccezzjoni, ma gabx il-prova (li kienet tispetta lilu) tar-raguni li abbazi taghha r-rikorrenti kellhom jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawza.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza u fid-dottrina li r-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, in kwantu jidderoga ghall-principju tal-irrevokabilita' tal-gudikati; u ghalhekk ma jammettix interpretazzjoni wiesgha. L-effikacja guridika tal-gudikat tesigi li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, il-parti telliefa terga' tqajjem u tiftah il-kwistjoni mill-gdid. Ghalhekk jekk ghal kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, ma hemmx mod fil-procedura ordinarja tal-kawzi ta` kif titwaqqa' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat.

L-eccezzjoni *de qua* hija stedina biex din il-Qorti tapplika l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" taghzel li ma twettaqx is-setghat fuq il-bazi li l-parti rikorrenti kellha rimedji ohrajn "ordinarji" huma llum il-gurnata stabbiliti b'mod konsistenti mill-qrati taghna.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha toqghod terga' tfissirhom, u ghalhekk qeghda tillimita ruhha billi tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "**<u>Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u</u> <u>Expatriate Affairs</u>**" (fost ohrajn) li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 li min-naha taghha kienet ikkonfermat sentenza ta` din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta' Gunju, 2005.

Jigi rilevat illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor, irid jintwera li dan ikun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se' jaghti lir-rikorrent success garantit. Bizzejjed illi jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci. L-ezistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju

alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa’ l-piz tal-prova biex jikkonvinci lill-Qorti sabiex biex taghzel li ma tezercitax is-setghat taghha biex tisma’ l-kawz.;

Huwa fatt ukoll li, minkejja li jista’ jkun minnu li r-rikorrent seta` kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju “ordinarju”, din il-Qorti xorta wahda jibqaghlha dejjem id-diskrezzjoni li taghzel li tibqa’ tisma’ l-kawza. L-ezistenza ta’ “rimedju ordinarju” ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma’ kawza kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuza trid tkun wahda prudenti u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuza meta r-rikorrent ikun jidher li tassew ghandu disponibbli ghalih rimedju li, kieku uzat kif imiss, jista’ jaghtih il-harsien tal-jedd li f’kawza bhal din jghid li qieghed igarrab ksur tieghu.

Applikati dawn il-principji ta` dritt ghall-kaz tal-lum, issib illi mill-assjem tal-provi in atti, u fl-assenza ta` provi *ad hoc* mill-Avukat Generali, ma hemm propju l-ebda ragunijiet ghala din il-Qorti ghandha taghzel li ma twettaqx is-setghat specjali taghha.

**<u>Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tkun michuda</u>**.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Legittimu kontradittur</u>**

Din il-Qorti tinnota illi l-Avukat Generali ma ressaq l-ebda eccezzjoni dwar l-illegittimita` tal-persuna tieghu fil-kawza tal-lum.

*Ironikament* din l-eccezzjoni tressqet mill-intimati l-ohra li qeghdin ighidu li l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern izda mhux l-Awtorita’ Gudizzjarja.

Fis-sentenza taghha tas-17 ta` Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet “**Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru**” din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef ghamlet analizi mirquma tad-disposizzjoni tal-ligi li tirregola r-rapprezentanza tal-Istat. Il-Qorti qalet hekk –

*Illi l-Qorti taghraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min ghandu jwiegeb ghall-ilment ta’ ksur ta’ jedd fundamentali tal-bniedem ilha zmien tkidd lil min ikun involut f’kawzi bhal dawn. Biz-zmien, tfasslu regoli ta’ prattika biex jingharaf kontra min kawza bhal din imissha titressaq. Il-hsieb dejjem kien li eccezzjoni bhal din m’ghandhiex isservi biex jitwal il-process tas-smigh tal-ilment fil-mertu, imma biex jigi mistharreg min tassew jista’ jaghti r-rimedju f’kaz li jirrizulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wiehed misthoqq. Mad-dhul fis-sehh fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodici tal-Procedura fl-1995, u b’mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern fil-kawzi, jidher li tqies li l-problema tal-legittimu kuntradittur kienet b’hekk twittiet darba ghal dejjem. Dan l-izjed minhabba li l-artikolu 181B ma kien jaghmel l-ebda distinzjoni dwar l- ghamla ta’ procedura gudizzjarja li ghaliha kien jirreferi. Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jaghmel parti minn Titolu tal-Kodici li d-dispozizzjonijiet tieghu “jghoddu ghall-qrati kollha”. Din il-Qorti kif presjeduta hija wkoll tal-fehma shiha li l-kwestjoni tar-rapprezentanza tal-Gvern f’kawzi ta’ xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali hija wkoll koperta bl-imsemmija d-dispozizzjonijiet ;*

*Illi, madankollu, jidher li l-imsemmi artikolu baqa’ dejjem ma ccarax ghal kollox il-kwestjoni tal-legittimu kontradittur fejn l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien dirett lejn ligi jew strument iehor li ghandu s-sahha ta’ ligi. Il-Qrati ma jidhirx li stharrgu dan il-punt espressament,*

*ghalkemm jidher li alludew ghalih obiter. Il-mistoqsija li tqum hija jekk l-artikolu 181B(2) jistax jitqies li jimla dan il-vojt ukoll.*

*… Illi fi studju analitiku li sar dwar il-procedura "kostituzzjonali", b'riferenza ghall-portata tal-artikolu 181B, inkiteb li "It is difficult to think of any claim which cannot be directed against a department and it in fact appears that this amendment was inspired by the question of the representation of the Courts, or specifically Judges and Magistrates and those who somehow or other are given the faculty of judging. No other 'prohibition' of this type seems to exist. In any case, the Prime Minister is always a legitimate defendant in actions against the government" (ara – Mifsud Bonnici – Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms – 2004 – pag.64). Din it-tifsira turi li, f'certi kazijiet, ilment ta' ksur ta' jedd fondamentali jista' jkun indirizzat lejn persuna li la hija kap ta' dipartiment governattiv u lanqas kontra l- Avukat Generali bhala rapprezentant tal-Gvern, imma lejn esponenti iehor tal-Gvern ;*

*Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejalta' u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta' persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta' xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawza meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta' xi kawza f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju*

*u jaghmluh rapprezentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni ;*

*Illi, madankollu, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Att IX tal-2006, li dahal fis-sehh fis-7 ta' Lulju, 2006, iddahlet dispozizzjoni gdida fil-Kodici tal-Procedura [L-Art.242(2)], li biha huwa l-Prim Ministru direttament li jinghata s-setgha u l-fakulta' li jagixxi f'kaz fejn xi ligi tkun instabet li tikser xi jedd fundamentali ta' persuna kif imhares fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni. B'din id-dispozizzjoni gdida, jidher li saret kjarifika li fi kwestjonijiet li jolqtu s-siwi "kostituzzjonali" ta' xi ligi fis-sehh huwa l-Prim Ministru l-persuna legittima biex tindirizza r-rimedju mehtieg …*

Dan premess, din il-Qorti tqis illi fl-eccezzjoni tal-intimati Camilleri, Gatt u Muscat, ghalkemm jinghad illi l-Avukat Generali ma jistax jirrapprezenta l-Awtorita` Gudizzjarja, ma jaslux biex ighidu min, fil-fehma taghhom, ghandu l-jedd ta` rapprezentanza.

Ghalkemm l-Ezekuttiv, il-Legislattiv u l-Gudizzjarju huma t-tliet kolonni tal-Istat demokratiku fondat *on the rule of law*, il-kwistjoni ta` min ghandu r-rapprezentanza ta` kull wahda meta tinqala` kwistjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali trid tkun trattata b`mod ferm divers milli qeghda tigi prospettata mill-intimati Camilleri, Gatt u Muscat. Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm meta tkun qeghda tigi attakkata l-kostituzzjonalita` ta` ligi (li mhuwiex il-kaz tal-lum) ir-rapprezentanza tkun vestita anke fil-Prim`Ministru (il-Kap tal-Ezekuttiv) ghalkemm ikun att li jkun sar mil-Legislattiv, daqstant iehor din il-Qorti ma tarax ghaliex m`ghandux ikun l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gudizzjarju fi kwistjoni fejn huwa allegat illi d-dewmien fid-decizjoni finali ta` kawza kien att lesiv tad-dritt fundamentali ta` smigh xieraq. *Del resto* l-Avukat Generali ghandu rwol distint mill-Gvern, li huwa rikonoxxjut bhala tali anke mill-Kostituzjoni ta` Malta.

**<u>Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tkun michuda wkoll</u>**.

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Risultanzi fil-Mertu</u>**

Ir-rikorrenti qeghdin isejsu l-istanza taghhom fuq l-**<u>Art.6 tal-Konvenzjoni</u>** Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni") li taghmel parti mil-ligi taghna bis-sahha tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, il-parti **<u>rilevanti</u>** ta` dan l-artikolu huwa **<u>l-ewwel subinciz (1)</u>** li jaqra hekk -

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigororament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

In linea ta` principju, l-awturi **Harris, O`Boyle & Warbrick** fil-ktieb **"<u>Law of the</u> <u>European Convention on Human Rights</u>"** - Second Edition – 2009 – Oxford ighidu hekk fil-pagna **<u>201</u>** –

*The Court* (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can*

*be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*).

Ikomplu jghidu fil-pagna **202** illi –

*The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct,* ***with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial****.* (enfasi ta` din il-Qorti)

Izidu jghidu fil-pagna **204** li –

***In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.***
(enfasi ta` din il-Qorti)

Imbaghad fil-pagna **224** jinghad –
*Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

L-awturi **Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak** fil-ktieb **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" -** Fourth Edition – Intersentia – 2006 jaghmlu din l-analizi -

Fil-pagna **578** –

*When is a hearing fair ? In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a*

*starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision.*

Fil-pagna **602** –

*The purpose of the reasonable-time requirement of Article 6(1) however is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position.*

**Rilevanti ferm** ghall-kawza tal-lum huwa dak li jinghad fil-pagna **607** –

*… only delays attributable to the state may cause a violation of the reasonable-time requirement. In particular the efforts the judicial authorities have made to expedite the proceedings as much as possible are an important factor.*

Il-gurisprudenza tghallimna li sabiex wiehed jiddeciedi dwar talba bhal dik intavolata mir-rikorrenti fil-kawza tal-lum, il-Qorti trid tezamina l-assjem tal-atti fil-procediment in kwistjoni, li sintesi tieghu diga` giet senjalata minn din il-Qorti. Irid isir ukoll apprezzament ta` l-imgieba tar-rikorrenti nnfushom sabiex ikun stabbilit jekk il-komportament taghhom setax wassal sabiex l-iter jiehu l-isvolta li fil-fatt ha fil-kawza tal-lum.

Dan qieghed jinghad ghaliex meta jigi allegat li z-zmien li ttiehed sabiex tigi deciza kawza ma kienx ragjonevoli, il-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt, imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz (ara : **Applik. Nru. 1103/61 kontra l-Belgju**).

Mill-Qorti ta` Strasbourg kienu stabbiliti l-kriterji li ghandhom jigu segwiti sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien mhux ragjonevoli –

(1) *the complexity of the case as a whole* –

bhal aspetti fattwali u legali tal-kaz, n-natura u s-serjeta` tal-kaz, in-numru tal-persuni nvoluti, jekk kienx hemmx htiega ta' xhieda minn barra u problemi ohra dwar gbir ta' provi.

(2) *the manner in which the case has been handled by the national judicial authorities and the courts* –

fosthom wiehed jista' jsemmi "*whether the state allowed the proceedings to stagnate refraining from taking any substantial procedural measures for a considerable amount of time*" ; "*or whether the system itself could be the object of criticism for displaying inherent features which inhibit the speedy conclusion of cases*"; "*the conduct of the authorities has to be consistent with the fair balance which has to be struck between the requirement that judicial proceedings be expeditious and the principle of the proper administration of justice*". **("<u>Boddaert vs Belgium</u>").**

(3) *the applicant's own conduct* –

jekk kienx hemm dewmien jew ostruzzjoni da parti tal-applikant stess, f'liema kaz, dawn m'ghandhomx ikunu attribwibbli ghal-Istat. **(ara - "<u>Huber vs Austria", "Foti vs Italy", "Corigliano vs Italy" u "Eckle vs Germany</u>")**

Applikati dawn il-principji ghall-fattispece tal-kawza tal-lum, din il-Qorti tghid illi hija fattwalment riduttiva jekk mhux skorretta l-affermazzjoni tar-rikorrenti illi l-kawza l-ohra hadet tnax-il sena sabiex tkun deciza fuq punt

preliminari. Dan huwa apprezzament insensittiv, maghluq u ferm ingust tal-fatti kif svolgew.

Il-kawza mxiet fuq il-binarji li tawha l-atturi. Il-konvenuti ddefendew ruhhom b`eccezzjonijiet preliminari, b`ohrajn fil-mertu u b`ohrajn ulterjuri. Ma jirrizulta l-ebda dewmien bejn id-data tal-presentata tal-kawza u d-data tal-ewwel appuntament taghha. L-ewwel intopp holquh ir-rikorrenti stess meta ghax ma ndikawx l-oggett tal-prova li riedu jottjenu mix-xhieda li ndikaw (del resto kif tghid il-ligi) skattaw eccezzjoni preliminari. Wara li l-atturi ottemperaw ruhhom, il-konvenuti rrinunzjaw ghall-eccezzjoni. Intant kienet ghaddiet kwazi sena mill-presentata tac-citazzjoni.

Fil-mori tal-kawza, miet l-attur Nazzareno Camilleri u ghalhekk kellha ssir it-trasfuzjoni tal-atti.

Il-kawza thalliet ghall-gbir tal-provi b`effett mill-udjenza tad-19 ta` Novembru 1998. L-atturi ressqu l-ewwel provi taghhom kwazi sena wara fil-21 ta` Ottubru 1999 bil-presentata tax-xiehda bl-affidavit tal-attur Anthony Camilleri. Xi provi ohra nstemghu fl-udjenza tas-6 ta` April 2000.

Kien fit-28 ta` Settembru 2000 li l-konvenuti pprezentaw l-ewwel nota ta` eccezzjonijiet ulterjuri taghhom. L-atturi rregistraw l-opposizzjoni taghhom ghall-presentata ta` din in-nota fit-12 ta` Ottubru 2000. Il-Qorti tat provvediment fit-30 ta` Ottubru 2000.

Fit-22 ta` Novembru 2000, l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tichad l-eccezzjoni tal-improsegwibilita` tal-azzjoni u sabiex tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina ghaliex fil-fehma taghhom ghalkemm il-kawza kienet ilha prezentata ghal aktar minn tliet snin, ma kien sar xejn ta` sustanza dwar il-mertu minhabba l-presentata mill-konvenuti ta` eccezzjonijiet preliminari frivoli u vessatorji.

Dwar id-data tal-kawza, din baqghet dik tal-15 ta` Frar 2001. Dwar l-eccezzjoni, il-Qorti rriservat illi tipprovdi.

Fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2001, kien trattat ir-rikors tal-atturi tat-22 ta` Novembru 2000 u l-kawza baqghet ghal provvediment. Fit-12 ta` Lulju 2001, l-atturi pprezentaw rikors fejn talbu li jipprezentaw nota ta` osservazzjonijiet. It-talba kienet milqugha u d-data ghall-ghoti tal-provvediment kienet spostata ghas-26 ta` Ottubru 2001. Fil-fatt il-provvediment inghata fl-udjenza tat-8 ta` Frar 2002 fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni, halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli minn kull parti fil-kawza fuq rikors opportun jekk mar-rikors ikun hemm il-prova li saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta` Ursola Camilleri u l-prova li thallset it-taxxa sa mhux aktar tard mit-8 ta` Awissu 2002.

Fis-27 ta` Frar 2002, l-atturi appellaw minn dan il-provvediment. Il-kawza ghalhekk kellha tieqaf sakemm tistenna l-esitu tal-appell. Kwazi sentejn wara, l-atturi u cioe` fid-9 ta` Frar 2004, l-atturi cedew l-appell u xaghrejn wara talbu r-riappuntament tal-kawza.

Il-kawza kienet riappuntata ghat-22 ta` Ottubru 2004 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghat-12 ta` Jannar 2005 sabiex tigi pruvata, trattata u d-deciza l-ewwel talba. Cio` nonostante, l-atturi ma ressqux provi u l-kawza thalliet ghat-8 ta` April 2005. L-istess gara fl-udjenza tat-8 ta` April 2005 meta l-kawza baqghet ghat-23 ta` Settembru 2005. Tul l-iter kollu jirrizulta li kien biss darba li l-konvenuti talbu differiment u dan kien relattiv ghall-udjenza tat-23 ta` Settembru 2005, talba li ma kienitx opposta mill-atturi.

Billi l-atturi baqghu ma ressqux provi, il-Qorti tat lill-atturi terminu perentorju sat-28 ta` Frar 2006 sabiex jipprezentaw l-affidavits taghhom u hatret lill-Assistent Gudizzjarju taghha sabiex quddiemu jkomplu jinstemghu l-provi. Il-kawza baqghet ghat-2 ta` Gunju 2006.

Ghalkemm il-provi kellhom ikunu dwar l-ewwel talba, l-atturi rrinunzjaw ghall-ewwel talba fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2006. Anke hawn l-ghazla kienet tal-atturi u ghalhekk kull dewmien fil-progress tal-kawza kien imputabbli lilhom Il-Qorti hatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jaghmel stima tal-fondi mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-kawza baqghet ghas-27 ta` Ottubru 2006.

Fl-udjenza tat-13 ta` April 2007, il-Qorti dderigiet lill-partijiet dwar il-provi li kellhom jitressqu quddiem il-perit tekniku in partikolari dwar il-lista tal-immobbli li kellhom jigu stmati mill-perit tekniku. Fis-16 ta` April 2007, il-Qorti tat digriet fejn irrilevat illi kien l-agir tal-partijiet stess illi kien qieghed jikkawza dewmien fil-proceduri billi kienu naqsu milli jghaddi taghrif lill-perit tekniku sabiex jaqdi l-inkariku tieghu. Ghalhekk il-Qorti specifikat dak li kellu jkun hemm fil-lista li kull parti kellha thejji, lista li kellha tkun konfermata bil-gurament.

Fl-udjenza tat-18 ta` Mejju 2007, l-atturi talbu aktar zmien sabiex joqghodu ghad-digriet tas-16 ta` April 2007, talba li kienet milqugha mill-Qorti b`estensjoni fit-terminu ta` ghaxart ijiem. Talbu wkoll zmien ghaxart ijiem sabiex jigu assunti l-atti tal-attrici Carmen Xuereb li kienet assenti minn dawn il-Gzejjer kif ukoll sabiex jipprezentaw in-nota li biha l-istess attrici rrinunzjat ghall-wirt ta` Ursola Camilleri.

Fil-21 ta` Mejju 2007, il-Qorti tat digriet fejn *inter alia* ordnat lill-konvenuti sabiex iressqu l-provi bl-affidavit dwar it-tieni eccezzjoni ulterjuri. Fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2007, il-konvenuti rrinunzjaw ghat-tieni eccezzjoni ulterjuri. Fl-istess udjenza, kien registrat qbil bejn il-partijiet illi fl-2007 l-atturi kollha kienu rrinunzjaw ghall-eredita` ta` Ursola Camilleri. In vista ta` dan, il-konvenuti talbu li jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri dwar karenza ta` interess guridiku tal-atturi. Din l-eccezzjoni kienet

prezentata dakinhar stess u l-kawza thalliet ghas-16 ta` Novembru 2007.

Huwa evidenti li din l-eccezzjoni ulterjuri holqot problemi legali serji ghall-istanza attrici kif kienet originarjament impostata. Ghalhekk fit-13 ta` Novembru 2007, l-atturi pprezentaw nota ta` sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri. Fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2007, id-difensur tal-atturi stess ikkontesta l-validita` tan-nota ta` rinunzja tal-atturi ghall-wirt ta` Ursola Camilleri, svolta ohra imprevista li kompliet thabbel il-kobba ta` kaz li kien diga` kompless mill-bidu nett. Il-konvenuti pprezentaw nota responsiva fl-14 ta` Dicembru 2007. Fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2008 saru l-ahhar sottomissjonijiet u l-kawza baqghet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri ghall-21 ta` April 2008. Is-sentenza nghatat fit-23 ta` Mejju 2008.

Billi l-esitu kien sfavorevoli ghall-konvenuti, huma talbu permess li jappellaw. Il-permess inghata. U l-appell sar., liema permess inghata, u l-appell sar. L-appell instema` fl-1 ta` Gunju 2009 u kien deciz fit-23 ta` Settembru 2009 kontra l-atturi.

In vista ta` din l-ahhar svolta, intemm il-procediment fl-ewwel istanza.

Fl-isfond ta` dan kollu, din il-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni fl-istanza tar-rikorrenti. Il-procediment ha z-zmien biex wasal ghall-konkluzjoni tieghu pero` dan certament ma kienx imputabbli ghall-mod kif kien kondott il-kaz mill-Qorti tenut kont li l-Qorti kienet tempestiva fid-direzzjonijiet li tat lill-partijiet, pronta fil-provvedimenti taghha, u rispettuza tal-principju illi sentenza tinghata fi zmien ragonevoli.

L-istess jista` jinghad ghall-konvenuti. Iddefendew ruhhom assidwament kontra l-istanza attrici u l-eccezzjonijiet illi ressqu kienu kollha skond il-ligi. Fil-kaz tal-ahhar eccezzjoni, li kienet ulterjuri, u li skattat unikament minhabba l-komportament processwali tal-atturi, il-konvenuti nghataw ragun mill-Qorti tal-Appell.

L-istess ma jistax jinghad dwar l-atturi. Kellhom kobba mhabbla qabel dahlu ghall-kawza. Immanifestaw incertezza mill-bidu nett meta bdew igibuha bit-tul biex iressqu l-provi. Sahansitra nghataw terminu perentorju biex iressqu l-provi taghhom bil-procedura tal-affidavit. Incjanpaw f`eccezzjonijiet principali u ulterjuri ta` natura legali intrikata li kkostringewhom ibiddlu direzzjoni fil-kawza. Ittentaw appell, hallew il-kawza wieqfa ghal sentejn, imbaghad cedew l-appell. Ipprezentaw noti ta` rinunzja tal-wirt ta` Ursola Camilleri biex imbaghad daru dawra madwarhom u stqarrew quddiem il-Qorti li dawk in-noti ta` rinunzja ma kienux validi. Dan huwa assjem ta` fatti illi mhux biss holoq incertezza bla bzonn, mhux biss holoq kambjamenti bruski u inaspettati fid-direzzjoni tal-kawza, izda wassal ghal *iter* li ha fit-tul, fic-cirkostanzi ghal zmien mhux irragonevoli, unikament minhabba l-konfuzjoni li holqu r-rikorrenti stess. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kaz ta’ **Ringeisen** (tas-16 ta` Lulju 1971) - "*An attitude or behaviour of the person in question which has led to delay weakens his complaint about delay*." Li certament irrizulta fil-kaz tal-lum huwa li t-tul li ha l-kaz biex jigi deciz ma kienx attribwibbli lill-Istat. Ghalhekk din il-Qorti ssib li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Art.6(1) tal-Konvenzjoni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali, u filwaqt li qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Camilleri, Gatt u Muscat, qeghda tilqa` l-**

**eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-intimati fil-mertu, u konsegwentement qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------